# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 27 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 10**

**Rikors Numru : 779/2015 JPG**

**Fl-atti tac-Cedola ta' Depozitu Numru 837/2015**

**Pprezentata fl-atti tas-subbasta numru 73/2010 fl-ismijiet :**

**Kevin u Mariella mizzewgin Debono**

**vs**

**Henry Galea et**

**vs**

**Raymond Bugeja et**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta Plc (BOV) datat 2 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu il-bank talab il-Qorti tawtorizza l-izbank ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€65,782.85) in segwitu ta' cedola ta' depozitu fl-ammont ta' tmienja u sebghin elf Ewro (€78,000) ;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju 2015;

Rat ir-risposta tal-konjugi Henry u Maria Dolores Galea tat-22 ta' Lulju 2015, li ghar-ragunijiet premessi fl-istess risposta opponew ghal tali talba;

Rat ir-risposta ta' Raymond Bugeja et tal-31 ta' Lulju 2015 li ghar-ragunijiet premessi fl-istess riposta opponew ghat-talba tal-Bank of Valletta ;

Rat id-digriet taghha tat-13 t'Awwissu 2015, li permezz tieghu appuntat ir-rikors ghas-smiegh;

Rat il-verbal tal-avukat difensur tal-partijiet li qablu li jaghmlu l-indagni sabiex jistabilixxu jekk hemmx mandati ta' qbid, sekwestru jew inbizzjoni fuq il-proprjeta' jew assi tal-intimat Bugeja u jipprovaw jaslu ghal maniera ta' kif ser jithallsu b'ghan li jigu evitati spejjez ulterjuri f'konkors tal-kredituri;

Rat il-verbal tal-konjugi Galea tat-28 t'April 2016 li bih ddikjaraw li mhux qed jopponu ghall-izbank favur Bank of Valletta diment li l-istess bank ihallas lill-istess konjugi Galea l-ispejjez inkorsi fis-subbasta skond t-taxxa ufficcjali;

Rat Dok. LC1 taxxa tas-subbasta 73/2010 ezebita u Bank of Valletta fis-26 ta' Mejju 2016 (a fol. 113) liema spejjez huma privileggjati u ghandhom jithallsu qabel l-ammont dovut lill-istess bank;

Rat l-estenzjoni tat-terminu ghar-risposta moghtija mill-Qorti fit-2 ta' Gunju 2016 lill-intimati Bugeja ;

Rat il-verbal tal-avukat difensur tal-intimati Bugeja tas-27 ta' Gunju 2016 li informa lil Qorti li l-intimati m'ghandhomx risposta ulterjuri x'intavolaw;

**Ikkonsidrat**:

Ir-rikors li ghandha quddiemha din il-Qorti jikkoncerna talba ghall-zbank ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€65,782.85) in segwitu ta' cedola ta' depozitu fl-ammont ta' tmienja u sebghin elf Ewro (€78,000).

Il-Qorti rat illi l-oggezzjonijiet sollevati permezz tar-risposta ta' Henry Galea et, gew minnhom irtitrati meta fil-verbal tat-28 t'April 2016 qabblu li l-ammont indikat ghandu jigu zbankat mill- Bank of Valletta – Vide fol. 110.

Il-Qorti rat u ezaminat ir-risposta tal-konjugi Bugeja (a fol. 100-101) li hi fis-sens t-talba hija intempestiva stante illi l-intimati ghandhom proprjeta' li fuqha kienet giet registrata ipoteka specjali mill-Bank of Valletta li tizboq l-ammont mitlub mill-istess bank.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm jista' jkun minnu illi l-intimati Bugeja ghandhom proprjeta' li tiswa ferm aktar minn dak illi huma ghandhom jaghtu lil Bank of Valletta, dan ma jfissirx illi l-bank m'ghandux id-dritt ukoll jizbanka l-ammont depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu 837/2015.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tordna illi l-Bank of Valletta jhallas l-ispejjez inkorsi mill-konjugi Henry u Maria Dolores Galea fis-subbasta 73/2010 skond t-taxxa Dok. LC1 a fol. 113, lill-istess konjugi Galea, tilqa' t-talba tal-Bank of Valletta plc ghall-izbank kif mitlub fir-rikors tat-2 ta' Lulju 2015.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Bugeja

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**